TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/292/12/S

Rita Brincat
Vs
Homeline Limited

Illum 23 ta'Mejju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rita Brincat pprezentata fid-19 ta'Novembru,2012 u r-risposta tas-socjeta Homeline Limited ipprezentata fid-29 ta'Jannar,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-22 ta'Marzu,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar forn li skont ir-rikorrenti, ihalli l-ghagina tat-torti nejja;

Illi min-naha taghha, s-socjeta intimata kkontendiet li l-forn jahdem kif suppost basta wiehed isegwi l-istruzzjonijiet skont x'ikun se jsajjar;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi ma ngabet ebda prova li l-forn in kwistjoni hu difettuz;

Illi min-naha l-ohra dan it-Tribunal ma jistax ma jissollecitax li s-servizz wara l-bejgh, ghandu jkun tal-oghla livell u mhux jiddegenera wara li jkun sar il-bejgh;

Illi biex dan il-ghan jintlahaq, kull parti trid taghmel il-parti taghha ghax fl-ahhar mill-ahhar, tibbenefika kull parti minn tali relazzjoni;

Illi t-Tribunal jirrileva li r-rikorrenti setghet giet trattata ahjar u b'iktar informazzjoni moghtija lilha biex l-istruzzjonijiet jigu segwiti;

Illi dan it-Tribunal ihoss li l-istruzzjonijiet moghtija mis-socjeta intimata ghandhom jigu segwiti mir-rikorrenti u f'kaz li l-problema tippersisti sa sitt (6) xhur mill-llum, ir-rikorrenti tista' terga' titlob permezz ta' ittra mibghuta lis-Segretarju ta' dan it-Tribunal, li l-kaz jitkompla;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal qed jiddiferixxi dan il-kaz *sine die*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri maghmula s'issa.

Richard Sladden Av.
Arbitru